MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 90/2004

**Il-Puluzija**
**(Supt. Pio Pisani)**

**Vs**

**Emanuel Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer f'isem E.M.M. Enterprises Limited nhar it-12 ta' Mejju 2003 mexxa jew opera negozju ta' operator ta' giti organizzati minghajr ma kien kiseb minn qabel, u ma kellux licenzja mahruga ghal hekk mill-Awtorita'.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu, 2004, fejn l-appellat gie liberat.**

**Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta' April, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi stante li fil-fatt Emmanuel Gauci kien direttament responsabbli ghal dan it-tour u li hu ma kienx kopert bil-permess relattiv mill-Awtorita' tat-Turizmu u ghalhekk kellha tinstab htija skond l-akkuza .

**Rat il-verbal li bih Dr. Thomas Abela ghall-appellat eccepixxa n-nullita' tal-appell minhabba n-nuqqas tal-fatti fil-qosor;**

**Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tal-appellat  pero' ddecidiet li tisma' provi dwar il-mertu bla pregudizzju ghall-istess eccezzjoni f'dak l-istadju biex ix-xhieda ma jkunux ingiebu l-Qorti ghal xejn;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid u t-trattazzjoni dwar il-mertu;**

**Rat il-verbal li bih il-Qorti ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci lil Charles Bartolo li kien indispost b'certifikat mediku ;**

**Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel ma trid tigi deciza ovvjament hija l-eccezzjoni preliminari tal-appellat. Illi bhala fatt r-rikors tal-appell jghid : testwalment hekk :- "*Illi il-fatti in breve kienu li Emmanuel Gauci kellu self-drive car hire. Illi f' Mejju, 2003, hu organizza, bla permess, tours turistici ghall-Mdina, il-Belt u t-tlitt ibliet kif jirrizulta mid-dokumenti 4 u 5 tal-process.*"**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Joseph Said" **[25.7.1994] :-**

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju ,* ***"Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"*** *[25.7.1986] ;* ***"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"*** *[23.4.1992] u l-"****Il-Pulizija vs. Julian Bonello"*** *[14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontropoarti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

**Naturalment il-vot tal-ligi ma jiddependix mill-verbosita' jew il-kopjosita' fil-kliem, izda fl-espozizzjoni cara w succinta tal-fatti li fuqhom tkun ibbazata l-akkuza w l-fatti rizultanti. Fil-kaz in ezami ghalkemm dan il-paragrafu fuq citat huwa wiehed**

**telegrafiku, pero' xorta wahda fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-qosor tieghu jikkomprendi il-fatti saljenti, bzonnjuzi w rilevanti ghall-kaz, li gew esposti b'mod car u komplet. Di fatti johorgu l-elementi taz-zmien, l-ikkuntrattar ta' tlitt tours b' riferenza ghad-dokumenti esebiti w dana minn persuna mhux awtorizzata li jopera tali tours. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellat f' dan il-kaz ma tidhirx fondata w qed tigi respinta .**

**Illi dwar il-mertu tal-appell tal-Avukat Generali , mill-provi mismugha quddiem din il-Qorti rrizulta li l-appellat hu direttur tas-socjeta' kummercjali E.M.M. Enterprises Ltd. u ghandu licenzja biex jopera garage ghal self-drive cars u garage hire. Ghandu zewg ufficini , wiehed tas-Sliema w wiehed Bugibba .**

**Mix-xhieda ta'** JONATHAN CUSCHIERI **, Assistant Manager fid-Direttorat ta' l-Infurzar tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu , jirrizulta li l-Awtorita' kienet irceviet ilment kontra l-appellat u hu w Charles Bartolo kienu marru fl-istabiliment tieghu Bugibba w hemm sabu brochures li gew elevati minn Charles Bartolo li huwa gharaf. Dawn kienu "available" ghall-pubbliku fuq il-bank . Kienu gew elevati ukoll xi ricevuti ta' tours li kienu imbieghu minn hemm . L-appellat kien ammetta maghhom li kien hu li kien cempel ghall-gwida w organizza it-trasport ghat-tours li kienu jidhru f' dawn ir-ricevuti . Huma qalulu biex jiddezisti w vvzawh li kienu ser jittiehdu passi kontra tieghu. Kien ammetta li ma kellux licenzja biex jopera tours u fil-fatt m'ghandux tali permess u dan ix-xhud ikkonfermah mis-sezzjoni tal-licenzji tal-Awtorita' tat-Turizmu kemm qabel ma ghamlu l-inspection kif ukoll wara. Fuq il-brochures kien qed jirreklama tours.**

LEEANNE DEGABRIELE **, li tahdem mat-tour operator Oasis Tours gol-"main office" tas-Sliema , xehdet li kienu rcevew ilment minn ghand klient Taljan, certu Occhiochiuso dwar tour li kien ghadu kif ghamel u meta investigat sabet li dan kien mar ghand l-appellat biex jibbukkja tour fuq il-brochure tal-Oasis Tours izda l-appellat kien opera it-tour wahdu. Fi kliem**

**iehor minnflok ghaddieh lill-Oasis Tours biex tihhandiljah hi bhala tour operator licenzjata, qabbad zewg mini busses u gwida wahda ma mini-bus wahda w l-ohrajn ghamlu t-tour minghajr gwida. Occiochiuso kien insista li jaghmel ilment mall-MTA dwar il-gwida u li kellhom ihallsu ghall-entratura ta' xi "sites" meta kienu qalulhom qabel li kollox kien inkluz. Kien hadu fl-ufficju tal-MTA , il-Belt id-Direttur tal-Oasis Tours Martin Degabriele .**

L-APPELLAT **xehed li hu direttur tas-socjeta' fuq imsemmija w kienu cemplulu mill-ufficcju ghax hu ma kienx hemm dak il-hin u qalulu li kien hemm Taljan li ried jaghmel tour fil-granet li ma kienux inkluzi fil-brochure tal-Oasis Tours u ried imur f' gurnata ohra. Talab ukoll gwida Taljan ghalih. Hu accetta li jipprovdilu t-trasport u l-gwida licenzjat . Il-cars ipprovdihom hu . Hu ma kienx ghadda il-"booking" ta' dan it-tour lil Oasis Tours ghax l-Oasis joperaw fi granet differenti minn dik li fih ried imur it-Taljan. Meta kien gie Cuschieri fl-ufficcju tieghu Bugibba wara li kien sar l-ilment , hu kien qallu li ma jaghmilx tours u qallu "Jien imbiegh it-tours ta' haddiehor, Oasis Tours." Cuschieri kien qallu li pero' il-brochure kien jindika biss "EMM Enterprises". Hu spjega dan billi qal li dan il-"label" jaghmlu biex mhux wara li jaghmel nofs siegha jispjegalu, il-klient umbaghad imur ghand haddiehor . Ghalhekk hu ghatta l-isem tal-brochure "Oasis Tours" bl-"sticker" li turi EMM Enterprises. In kontro-ezami ammetta li hu ma ghandux licenzja izda issa applika ghaliha.**

**Illi mid-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process jidher li l-klient Taljan Occhiochiuso kien hallas ghal tlitt tours kif jidher mit-tlitt ricevuti li jgibu id-dati tat-11 ta' Mejju, 2003 , wiehed "*half day tour to Valletta on Monday 12th May , 2003"* , l -iehor *"half day tour to Mdina on Tuesday 13th. May, 2003"* u l-iehor "half day tour to 3 cities" on Wednesday 14th. May." Dawn inhargu fuq isem E.M.M. Enterprises biss . Umbaghad mill-brochure elevat u esebit (Fol.4) jidher car li l-brochure li hu ta' Oasis Tours kellu l-isem "Oasis**

**Tours" stampat bl-abjad fuq sfond celesti** mghotti kompletament **minn "sticker" bajda bl-isem ta' E.M.M. Enterprises miktub bl-ahmar u taht il-kliem bl-iswed *"Self drive car hire Cab service*** *, organised tours* **(emfasi tal-Qorti) *Excursions to Sicily* " segwiti bl-indirizz u numri tat-telefon. Imkien fuq dal-brochure ma hemm referenza ghall-Oasis Tours li tista' tindika li dan hu brochure ta' dik id-ditta jew li l-appellat kien qed jagixxi bhala "sub-agent" tal-Oasis Tours. Ghal kuntrarju kollox jindika li t-tours qed jigu organizzati mid-ditta tal-appellat u hadd aktar.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn ).**

Fid-dawl ta' dawn il-provi skjaccanti kellu jirrizulta lill-Ewwel Qorti b'mod lampanti li l-akkuza kienet tirrizulta abbondantement u manifestament pruvata w ghalhekk din il-Qorti f'dan il-kaz huwa impellanti li din il-Qorti tiddisturba

id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li wassluha biex tillibera lill-appellat.

**Illi l-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun meta jghid li f' dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setghetx logikament u legalment tillibera lill-appellat kif ghamlet u li l-apprezzament taghha kien zbaljat kompletament. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali jidher altru milli fondat u dan iwassal biex is-sentenza appellata ghandha tigi revokata.**

**Ghal dawn il-motivi , Il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w fil-waqt li ssib u tiddikjara lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 32 (1) , u 43 (1) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) li qed tigi ffissata fil-minimu legali taghha possibbli.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------